TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 62/12

**Rita Pace u Giselle Napoli**

**vs**

**Mirage Holdings Ltd.**

Illum 12 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti prezz ta' *washing machine* li kienet marret diversi drabi.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *washing machine* għall-prezz ta' erba' mija u disgħa w disgħin ewro (€499), u matul iż-żmien tal-garanzija bdiet bil-problemi.

L-intimat issottometta illi kull darba li kienu jċemplu, marru jsewwu u li kien hemm tliet darbiet li ma kinux affarijiet serji.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota li l-aħħar tiswija kienet saret għax kienet marret is-salvavita, filwaqt li t-tiswijiet l-oħrajn kienu saru għax mar il-*harness* u li bozza ma tixgħelx.

It-Tribunal jinnota li dawn it-tiswijiet kienu fi żmien qasir u ta' spiss, u l-aħħar waħda kienet ftit perikoluża.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*washing machine* ssir propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**